21995D1116(02)

L 273/48 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 16.11.1995

# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 29/95

## tad-19 ta' Mejju 1995

## li temenda l-Anness XIII (Trasport) għall-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness XIII għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 29/94 tat-2 ta' Diċembru 1994 ([1]);

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 94/58/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar il-livell minimu ta' taħriġ għall-baħħara ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Dan il-punt il-ġdid li ġej għandu jiddaħħal fl-Anness XIII għall-Ftehim wara l-punt 54 (id-Direttiva tal-Kunsill 79/115/KEE):

"54a. **394 L 0058**: Id-Direttiva tal-Kunsill 94/58/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar il-livell minimu ta' taħriġ għall-baħħara (ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 28).".

*Artikolu 2*

It-testi tad-Direttiva tal-Kunsill 94/58/KE fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Ġunju 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.*

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Mejju 1995.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

P. BENAVIDES

(1) ĠU L 339, tat-29.12.1994, p. 89.
(2) ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 28.